MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 519/2011

**Intercomp Marketing Limited**
**C-20612**

**vs**

**Probe Technologies Limited**
**C-30550**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta'elfejn erba' mija u sbatax-il Ewro tlieta u ghoxrin centezmu (€2,417.23c) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' *computer hardware* u servizzi moghtija in konnessjoni ma l-istess, liema *hardware* gie mixtri minghand is-socjeta' attrici skond kif jirrizulta mill-annessi fatturi markati Dok. A, B, C u D, u kif ukoll ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fatturi relattivi kontra l-konvenuti, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali numru *1820/11* datata 10 ta' Mejju, 2011 mibghuta ai termini ta' l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas rapprezentant taghha ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn erba' mija u sbatax-il Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2,417.23c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------